**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 28 ta' Gunju 2022**

**Rikors nru : 164/2020 AGV**

**ME**

**vs**

**TG**

**Il-Qorti ;**

**Rat ir-rikors tar-rikorrenti datat 7 ta' Ottubru 2020;**

Tesponi bir-rispett u bil-gurament taghha tikkonferma:

1. Illi l-esponenti kellha relazzjoni li minnha twieldet il-minuri S G E nhar id-29 ta' Settembru 2015, kopja tac-certfikat tat-twelid, qed jigi hawn anenss u mmarkat bhala Dok A;
2. Illi r-relazzjoni bejn il-kontendenti tfarreket irrimedjabilment u llum intemmet;
3. Illi l-epsonenti kienet il-figura ewlenija li hadet hsieb il-bzonnijiet ta' bintha wehidha, u l-intimat dejjem farfar mil-obbligi  u responsabiltajiet tieghu ta' missier, tant li rari ikkontribiwixxa ghal ispejjez u l-bzonnijiet tal-minuri;
4. Illi l-minuri ilha tghix mal-esponenti  omm sa mit-twelid taghha ;
5. Illi l-minuri hija fattwalment fil-kura u fil-kustodja tal-esponenti, li minn dejjem, hadet hsieb tal-bzonnijiet tal-istess;
6. Illi r-rikorrenti hija l-aktar persuna idoneja sabiex tigi fdata esklussivament il-kura u l-kustodja tal-minuri;
7. Illi  minkejja d-diversi tentattivi li ghamlet r-rikorrenti anka permezz ta' diversi sessjonijiet ta' medjazzjoni sabiex tasal fi qbil mal-intimat dwar il-kwistjonijiet pertinenti rigwardanti t-tifla, dan il-qbil baqa' qatt ma sehh, ghaliex l-intimat ma kienx qed jattendi ghal seduti ta' medjazzjoni u deher li kien tilef kwalsiasi interess li jerfa' ir-responsabilita' lejn il-minorrenni;
8. Illi nhar it- 2 ta' Ottubru 2020, dil-Onorabbli Qorti, permezz ta' digriet 1923/2020 iddikjarat li l-medjazzjoni maghluqa bejn il-partijiet. U awtorizzat lil rikorrenti sabiex tipprocedi b' kawza fit-termini imposti mil-Ligi, kopja ta' digriet qed tigi hawn annessa, mmarkata Dok B;
9. Illi l-esponenti taf b' dal-fatti personalment.

Ghldaqstant, ir-rikorrenti umilment titlob lil dina Onorabbli Qorti sabiex;

1. Tafda u takkorda l-kura u l-kustodja tal-minuri SGE, esklussivament f' idejn l-esponenti, b' dana li kwalsiasi decizjoni rigwardanti sahha, edukazzjoni, trobbija, safar tal-minuri, inkluz hrug ta' passaport jew tigdid ta' passaport tal-minuri, u b'g mod generali kull decizjoni ohra rigwardanti l-minuri, ghandha tittiehed esklussivament mill-omm rikorrenti , wehidha minghajr il-bzonn tal-awtorizzazzjoni u jew kunsens tal-intimat u dana fl-ahjar interess tal-imsemmija minuri, u dana ghal ragunijiet imputabbli internament lil intimat;
2. Tordna lir-residenza tal-minuri ghandha tkun f' Malta flimkien mar-rikorrenti;
3. Tordna u tikkudanna lil intimat TG sabiex ihallas lir-rikorrenti retta mensili u oltre nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni, rapprezentanti manteniment ghall- minuri kif ukoll tipprovdi dwar il-modalitjiet ta' kif l-istess manteniment ghandu jigi awmentat minn zmien ghal zmien;
4. Tordna lill-konvenut ihallas arretrati ta' manteniment dovut kif ukoll sehemu ghall-ispejjez skolastici u ta' sahha ta' bintu l-minuri, SGE, mill-inadempjenza tieghu sal-lum.

**Bl-ispejjez kontra l-intimat ingunt minn issa ghal subizzjoni.**

**Rat ir-risposta guramentata ta' TG datata 10 ta' Novembru 2020**;

1. Illi l-konvenut jaqbel li l-partijiet kelhom wild flimkien u cjoe' SGE liema wild illum ghandha hames snin;
2. Illi madankollu l-ewwel talba attrici ghal kura u l-kustodja ta' bint il-partijiet, ghandha tigi michuda bl-ispejjez talli issa l-attrici ma ghandhiex

tigi ppremjata ghal-fatt li kienet hi li rrendiet ir-relazzjoni ta' bejniethom impossibbli u mbaghad aghar minn hekk, kull forma ta' komunikazzjoni bejn il-genituri partijiet. Ser jigi ppruvat ukoll fil-mori tal-proceduri li essenzjalment kienet l-attitudni ghal kollox deplorevoli tal-omm, li zammet lil partijiet milli jiddjalogaw bejniethom ghal htigijiet tal-minuri binthom u li kien dan li skoragixxa kull forma ta' avviciment, da parti tal-konvenut missier, u li dan il-fattur, indubjament ma ghandux jimmilita favur taghha;

3. Illi l-missier konvenut mbaghad ma ghandux ebda oggezzjoni ghat-tieni talba attrici u cjoe it-tlaba sabiex ir-residenza tal-minuri tkun dik tal-omm state li l-minuri ghal-perjodu qasir fejn l-omm kienet indisposta, ghal numru ta' gimghat li fihom ghexet mal-missier dejjjem ghexet fir-residenza tal-omm.
4. Illi l-esponenti lanqas ma ghandu oggezzjoni ghat-tielet talba stante li huwa jirrikonoxxi l-htiega u l-obbligu illi jissomministra manteniment xieraq ghat-trobbija tal-bint, purche l-istess manteniment ikun stabbilit in linea ghal htigijiet tal-minuri u l-mezzi tal-partijiet u d-dhul taghhom, purche ukoll jigu stabbiliti granet u hinijiet li fihom l-missier kien f' posibilita' illi jezercita access denju ghal bintu. Illi f' dal-isfond, l-esponenti jirrileva li matul dal-ahhar snin ser jigi ppruvat li huwa kien vittma ta' incident stradali li ghad jista ikollu impatt sever bi hsara ta' natura permanenti liema incident ghal numru ta' xhur eradikah ghal kollox, il-possiblita' li l-esponenti jimpjega ruhu, jahdem jew jippercepixxi xi forma ta' dhul;
5. Illi madankollu, ir-raba talba ghal tigi ukoll micduha, bl-ispejjez stante, li kif inghad kienet l-istses attrici li bl-ghemil taghha naffret kull forma ta' kuntatt bejn il-partijiet, u zammet lil esponenti milli jrabbi relazzjoni ma' bintu, bil-valanga ta' kliem hazin u dagha li permezz tieghu, intqalghet kull forma ta' komunkazzjoni li ttanta li jistabbilixxa l-epsonenti. Huwa evidenti, li l-istess attrici, qed tipprova mhux biss tiehu vantagg mil-ghemil

taghha imma permezz tat-talbiet taghha tkompli tiskogorixxi kull forma ta' kuntatt da parti tal-istess missier bintha;

**Salvi eccezzjonijiet ulterjuri permessi bil-Ligi.**

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi dawk tal-medjazzjoni numru 490/18.

**IKKUNSIDRAT:**

Illi din il-kawza tittratta talba sabiex l-attrici tinghata l-kura w kustodja ta' bintha minorenni ad eskluzjoni tal-missier. Il-fatti tal-kaz huma, fil-qosor, is-segwenti. Il-partijiet kienu f'relazzjoni intima bejniethom, minn liema twieldet it-tifla S fid-29 ta' Settembru 2015. Illi r-relazzjoni bejn il-partijiet spiccat, u ghalhekk l-attrici qed tfittex illi tirregola l-kura u kustodja, l-access u l-manteniment pagabbli ghall-istess minuri. L-attrici qed titlob li tinghata l-kura w kustodja esklussiva tal-minuri, li l-missier ikollu hinijiet fissi ghall-access, u li jkun obbligat ihallas manteniment u arretrati.

Mill-provi prodotti jirrisulta ampjament ippruvat ghall-Qorti li l-attrici timmerita li t-talbiet taghha jigu milqugha, sa fejn gew prodotti provi in sostenn tal-verzjoni ta' fatti kif esposti minnha. Jidher evidenti ghall-Qorti li kienet proprju l-attrici li

hadet hsieb tat-tifla ghall-maggor parti tal-hin, kif inhu evidenzjat mill-messaggi skambjati bejn il-partijiet tul iz-zmien. Dan ma jfissirx illi l-konvenut m'ghandu ebda dritt ta' access versu l-minuri. Il-Qorti anzi hi tal-fehma li huwa important hafna ghall-istess minuri illi jkollha hin adegwat u ta' kwalita' ma' missierha. Di fatti huwa d-dover ta' kull genitur, aktar milli dritt ta' genitur, li jibni relazzjoni tajba ma' uliedu. F'din il-kawza l-Qorti ma ratx wisq provi min-naha tal-konvenut li juru li ghandu xi relazzjoni ma' bintu. Madankollu, il-Qorti tissollecitah li jfittex jibni tali relazzjoni, u ghalhekk sejjer jinghata access adegwat ghac-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz.

Il-kura w kustodja effettiva, izda, sejra tigi fdata f'idejn l-attrici. Ghalhekk, l-omm ser ikollha s-setgha tiehu d-decizjonijiet kollha hi wehidha fil-konfront tal-minuri, minghajr il-htiega li titlob il-kunsens tal-konvenut f'dan ir-rigward. L-ewwel talba kif sollevata mill-attrici, ghalhekk, sejra tintlaqa' *in toto*. In segwitu, ghalhekk, jaghmel sens ukoll li l-linuri tirrisjedi mal-attrici, skond it-tieni talba taghha.

Kwantu ghall-hlas tal-manteniment, fis-seduta tat-23 ta' Marzu, 2022, il-Qorti kienet iddekretat ammont ta' mitejn u hamsin Ewro (€250) fix-xahar, oltre nofs l-ispejjez ta' sahha w edukazzjoni, bhala manteniment ghall-minuri pagabbli mill-konvenut. Ma jidherx li dan beda jithallas mill-istess konvenut. Il-Qorti tordna wkoll li l-istess manteniment joghla b'ghoxrin Ewro fix-xahar (€20) kull tlitt snin, minnflok iz-zieda fl-gholi tal-hajja, u jibqa' hekk joghla sa ma l-minuri taghlaq l-eta' ta' tmintax-il sena (18). Il-manteniment jibqa' jithallas sa ma t-tifla taghlaq l-eta' ta' tlieta w ghoxrin sena (23) jekk hi tibqa' tistudja fuq bazi 'full time' u ma jkollhiex impieg fiss 'full time'.

Inoltre, l-attrici qed titlob ukoll arretrati ta' manteniment. Ma gie esebit ebda prospett f'dan is-sens, izda l-konvenut *ex admissis* kien iddikjara li ma baqax

ihallas manteniment hekk kif bdew il-Qorti. Qabel ma kienu bdew il-proceduri, il-konvenut kien minn jeddu jhallas mitejn Ewro (€200) fix-xahar. Il-medjazzjoni bejn il-partijiet inbdiet f' April 2018, ghalhekk il-Qorti qed tifhem li minn dik id-data 'l quddiem, il-konvenut ma hallasx aktar manteniment. Dan ifisser li hemm erba' snin manteniment x'jithallsu bhala arretrati, li jekk jigu kalkolati bil-mitejn Ewro fix-xahar ghal tmienja w erbghin xahar, jammontaw ghal disat elef u sitt mitt Ewro (€9,600) dovuti bhala arretrati. Ma' dawn ghandhom jizdiedu l-ahhar erba' xhur fejn il-manteniment ta' €250 ma thallsux, ghalhekk dak l-ammont ghandu jizdied b'elf Ewro ohra (€1,000), ghal total ta' €10,600.

Il-konvenut wera li hu kellu impieg fiss tul iz-zmien, li kien ihallilu bejn €850 fix-xahar u €1,000 fix-xahar. Dan irrisulta mid-dokumenti esebiti fil-process. Irrisulta wkoll li l-konvenut kien wegga' f'incident, u li minhabba f'hekk ma jistax jahdem ghal tul ta' sieghat. Ghalkemm ma giet prodotta ebda prova f'dan ir-rigward, il-Qorti xorta temmen li l-konvenut jista' jsib impieg li jippermettilu li jhallas ghall-manteniment indikat. Jidher ghalhekk illi l-konvenut ghandu l-mezzi biex ihallas dan il-manteniment, u ghandu l-hila jsib impieg biex ikun jista' jibqa' jwettaq l-obbligi tieghu bhala missier.

Kwantu ghall-access, li l-Qorti accennat ghalih, ma hemmx talba mill-attrici f'dan ir-rigward, u lanqas ma hemm kontro-talba min-naha tal-konvenut fejn qed jitlob dan. Il-Qorti tispera li din mhix xi attitudni da parti tal-konvenut fejn ma jridx ihallas manteniment, u allura lest li ma jarax lil bintu. Kif inghad qabel, huwa d-dmir u l-obbligu ta' genitur li jqatta' hin ta' kwalita' ma' uliedu, aktar milli hu dritt, u ghalhekk il-Qorti tissollecita lill-partijiet li jfittxu ftehim fuq access adegwat mal-minuri, biex anke t-tifla tifhem li huwa tajjeb ghaliha li jkollha relazzjoni tajba ma' missierha. Il-Qorti, izda, ma tistax taghti ebda provvediment f'dan is-sens, izda jkollha thalli f'idejn il-partijiet jaslu ghal tali ftehim.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti:

Tilqa' t-talbiet attrici.

1. Tafda u takkorda l-kura u l-kustodja tal-minuri SGE, esklussivament f' idejn l-attrici, b' dana li kwalsiasi decizjoni rigwardanti sahha, edukazzjoni, trobbija, safar tal-minuri, inkluz hrug ta' passaport jew tigdid ta' passaport tal-minuri, u b' mod generali kull decizjoni ohra rigwardanti l-minuri, ghandha tittiehed esklussivament mill-omm rikorrenti, wehidha minghajr il-bzonn tal-awtorizzazzjoni u jew kunsens tal-intimat, u dana fl-ahjar interess tal-imsemmija minuri, u dana ghal ragunijiet imputabbli interament lill-intimat;

2. Tordna li r-residenza tal-minuri ghandha tkun f' Malta flimkien mal-attrici;

3. Tordna u tikkudanna lil intimat TG sabiex ihallas lir-rikorrenti retta mensili ta' mitejn u hamsin Ewro (€250.00) fix-xahar, oltre nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni, rapprezentanti manteniment ghall- minuri, li ghandu jigi awmentat minn zmien ghal zmien kif ipprovdut;

4. Tordna lill-konvenut ihallas arretrati ta' manteniment fis-somma ta' ghaxart elef u sitt mitt Ewro (€10,600) kif spjegat aktar 'il fuq.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Imhallef**

**Onor Anthony G Vella** **Cettina Gauci- Dep Reg**